MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-26 ta' Frar, 2008

Citazzjoni Numru. 809/1991/1

**Charles Adrian Strickland għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà *Charles A. Micallef & Co. Ltd***

***versus***

**1. Ronald Naudi u Joseph Bajada għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà *Unispeed Shippingand Forwarding Ltd*, kemm f'isimha proprju kif ukoll fil-kwalità tagħha ta' aġent f'Malta tas-soċjetà estera *Vidale Seafreight SRL* għan-nom u in rappreżentanza ta' l-istess soċjetà estera;**
**2. Godwin Abela u Nazzareno Borg għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà *The Cargo Handling Company Limited*; u**
**3. Joseph Borg**

F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda tfittex għal telf li ġarrbet f'merkanzija meta nġarret mill-konvenuti jew kienet f'idejhom.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-attriċi kienet qabbdet lill-konvenuta *Unispeed Shipping and Forwarding Limited*, li mbagħad, fuq responsabbiltà tagħha, qabbdet lill-konvenuta l-oħra *Vidale Seafreight SRL*, sabiex f'Lulju tas-sena 1990 iġġorrilha mill-Italja ta' fuq merkanzija li l-attriċi kienet xtrat minn dawk l-inħawi. Il-bejjigħ ikkonsenja din il-merkanzija lill-konvenuta *Vidale Seafreight SRL* sabiex tinġarr għal Malta kif ingħad. Fost din il-merkanzija kien hemm mitejn u tmienja u tmenin (288) *solar desk-top calculators*.

Meta l-merkanzija waslet Malta fit-18 ta' Lulju 1990, u wara li għamlet xi żmien f'idejn il-konvenuta *The Cargo Handling Company Ltd*, inġarret għall-imħażen ta' l-attriċi mill-konvenut Joseph Borg. Meta l-pakketti li fihom kellha tkun hemm il-merkanzija nfetħu mill-attriċi fl-imħażen tagħha, il-*calculators* ma nstabux, u minħabba f'hekk l-attriċi ġarrbet danni.

Billi għal dawn id-danni jaħtu l-konvenuti jew xi wħud minnhom, għax f'idejhom biss kienet il-merkanzija, l-attriċi qiegħda titlob illi l-qorti:

1. tgħid illi l-attriċi ġarrbet danni ġarrbet danni meta ma ġewx konsenjati lilha l-*calculators*, u tgħid illi l-konvenuti, jew tgħid min minnhom, jaħtu għal dan;

2. tillikwida d-danni fis-somma ta' tlitt elef, seba' mija u ħamsa u għoxrin lira (Lm3,725) – tmint elef, sitt mija u sitta u sebgħin euro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€8,676.92) – jew somma aktar preċiża; u

3. tikkundanna lill-konvenuti, jew lil min minnhom jaħti, iħallsu lill-attriċi s-somma hekk likwidata bħala danni, flimkien ma' l-imgħax mit-18 ta' Lulju 1990 u l-ispejjeż.

Il-konvenuta *The Cargo Handling Company Ltd* ressqet l-eċċezzjoni illi hi ikkonsenjat il-merkanzija "mingħajr rimarki", kif jidher mill-*gate pass-out* relativ.

Il-konvenuti *Unispeed Shipping and Forwarding Limited* u *Vidale Seafreight SRL* ressqu l-eċċezzjoni illi huma ma jaħtux għan-nuqqas.

Il-konvenut Borg ma ippreżentax nota ta' eċċezzjonijiet u baqa' kontumaċi.

B’dikriet ta’ l-4 ta’ Marzu 1992 inħatar perit legali sabiex jirrelata dwar it-talbiet u l-eċċezzjonijiet, u dan ħalef ir-rapport tiegħu fil-21 ta’ Mejju 1999.
Il-fatti relevanti seħħew hekk:
Is-soċjetà attriċi qabbdet lill-konvenuta *Unispeed Shipping and Forwarding Limited*, aġent f’Malta tas-soċjetà estera *Vidale Seafreight SRL*, sabiex iġġorrilha xi merkanzija – fosthom mitejn u tmienja u tmenin (288) kalkolatur elettroniku – mill-Italja. Din il-merkanzija waslet f’sittax-il (16) pakkett fi *groupage container* fid-19 ta’ Lulju 1990. Il-*container* inġarr mill-konvenuta *Unispeed Shipping and Forwarding Limited* u ngħata f’idejn il-konvenuta *The Cargo Handling Company Ltd*. Dakinhar inħattu sittax-il (16) pakkett ta’ l-attriċi, sar *joint tally* minn rappreżentanti ta’ *Unispeed Shipping and Forwarding Limited* u ta’ *The Cargo Handling Company Ltd*, u l-pakketti nżammu minn *The Cargo Handling Company Ltd*. Fit-30 ta’ Lulju 1990 l-merkanzija ngħatat lill-burdnar, il-konvenut Joseph Borg, li ħaddiem iffirma l-*gate pass-out* għal sittax-il (16) pakkett mingħajr rimarki.
Mix-xiehda ħareġ illi, għalkemm in-numru ta’ pakketti li nħattu mill-*container* jaqbel man-numru meħud mill-burdnar, dan ma jfissirx bilfors illi ngħata lill-burdnar dak kollu li tgħabba u nħatt mill-*container* għax il-kelma “pakkett” jew *“package*” hija ġenerika u jista’ jiġri, kif fil-fatt ġara f’dan il-każ, illi pakkett jinfetaħ, jinqasam fi tnejn, u kull wieħed miż-żewġ nofsijiet jitqies “pakkett”, biex hekk in-numru jibqa’ jaqbel ukoll jekk jonqos pakkett wieħed. Fil-fatt ġara li l-merkanzija kienet intbagħtet mill-Italja fi tnejn u tletin (32) kartuna magħmula f’sittax-il (16) pakkett. Pakkett minnhom, li kien fih żewġ (2) kartuniet, infetaħ, waħda miż-żewġ kartuniet intilfet jew inqerdet jew insterqet jew b’xi mod naqset, u l-kartuna l-oħra tqieset bħala “pakkett” biex hekk in-numu ta’ pakketti baqa’ jaqbel: ħmistax (15) mill-pakketti oriġinali u kartuna li tqieset “pakkett” ukoll. B’kollox iżda l-attriċi ngħatat wieħed u tletin (31) flok tnejn u tletin (32) kartuna.
Għalhekk il-fatt li kemm fuq it-*tally sheet* u kemm fuq il-*gate pass-out* jidher l-istess numru ta’ pakketti – il-fatt li fuqu straħ il-perit legali biex wasal għall-konklużjoni tiegħu li l-ħtija taqa’ fuq il-burdnar Joseph Borg – ma jfisser xejn.

Il-kwistjoni għalhekk hija din: f'idejn min kienet il-merkanzija meta nfetaħ il-pakkett li kien fih il-merkanzija li ntilfet?
Fit-28 ta' Ġunju 2005, wara li kien irrelata l-perit legali, xehed rappreżentant ta' *The Cargo Handling Company Limited*, u esebixxa kopja tal-*joint tally sheet* li kien sar minn rappreżentant ta' l-istess soċjetà u rappreżentant ta' *Unispeed Shipping and Forwarding Limited*, mnejn jidher illi meta nħattu s-sittax-il (16) pakkett mill-*container* ġà kien hemm pakkett minnhom bil-ħsara.
Il-konklużjoni għalhekk trid bilfors tkun illi n-nuqqas seħħ meta l-merkanzija kienet għadha f'idejn il-konvenuta *Vidale Seafreight SRL*, li kienet imqabbda mill-konvenuta *Unispeed Shipping and Forwarding Limited*. Għalhekk huma dawn iż-żewġ konvenuti li jaħtu għan-nuqqas.
Mix-xiehda ħareġ ukoll illi l-merkanzija nieqsa kienet tiswa, bil-kambju taż-żmien relevanti, elfejn, mija u tnejn u sittin lira u tnejn u ħamsin ċenteżmu (Lm2,162.52), jew ħamest elef u sebgħa u tletin euro u tnejn u tletin ċenteżmu (€5,037.32) bil-munita tallum.
Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi tiċħad it-talbiet tas-soċjetà attriċi safejn magħmula kontra *The Cargo Handling Company Ltd* u Joseph Borg u, wara li tiċħad l-eċċezzjoni ta' *Vidale Seafreight SRL* u ta' *Unispeed Shipping and Forwarding Limited*, tilqa' t-talbiet ta' l-attriċi safejn magħmula kontra dawn iż-żewġ soċjetajiet: tgħid illi *Vidale Seafreight SRL* u *Unispeed Shipping and Forwarding Limited* jaħtu għad-danni li ġarrbet l-attriċi, tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' ħamest elef u sebgħa u tletin euro u tnejn u tletin ċenteżmu (€5,037.32), u tikkundanna lill-istess żewġ soċjetajiet iħallsu d-danni hekk likwidati flimkien ma' l-imgħaxijiet mitluba fiċ-ċitazzjoni u l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------